**Is-sinċerità tiegħek**

Nistax indur id-dinja kollha
Inkella nitla' fuq l-għoljiet,
Jew interraq fl-ibgħad
Jew immur 'il bogħod 'il bogħod, fl-artijiet.

Nista' insib sinċerità bħal tiegħek?
Hekk ġenwina li tmiss lill-qlub?
Nista' nqis safejn riedet
Tolqot qalb iebsa li quddiemha ddub?

Ħaġa ngħidlek, aktar ma nsir nafek
Ibqa' dejjem w biss dak li kont,
Għax quddiem Alla s-setgħani
Biha biss għad jeħfiflek il-kont.

Kompli miexja wara li hu sewwa
Tbissmitek tibqa' tagħtik ġieħ,
Għax qalbek maġuna f'tiegħu
F'kull jum li jgħaddi ibqa' semmieħ.

Ħallieha ħa tgħaddi dil-ħajja
Int l-aqwa li tibqa' id-dawl,
Li jisraq lill-qlub minn wisq ħażen
U jmexxihom għas-sewwa ta' Pawl.

Għal dik l-imħabba mingħajr uċuħ
Li tkellmek soda wiċċ imb'wiċċ,
Li qatt ma tieqaf tingħata
F'għemilha safi mingħajr kapriċċ.

Imxi mara f'dil-mixja kbira
Issoda f'dik il-karità,
Li sawritek minn ġuf ommok
Inti xempju ta' sinċerità.

Patri Mario Attard OFM Cap
22 ta' Frar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.